MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 28/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Mignon Marshal, Mario Galea Testaferrata u b'digriet tat-23/9/2008 wara l-mewt tieghu, l-atti kienu trasfuzi f'isem Camilla Scerri, James, Maria u Simon Galea Testaferrata, Helen Miles, Agnese Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha u bhala prokuratrici ta' Caren Preziosi u Nicholas Jensen f'ismu proprju y f'isem Irene Bache.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 12 t'April, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Had-Dingli tal-kejl ta' madwar

8,259 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma’ proprjeta’ ta’ Mario Galea Testaferrata u ohrajn, mix-Xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Dr. Carmelo Apap Bologna M.D. u ohrajn u mil-Lbic f’parti ma’ proprjeta’ ta’ Rev. Paul Vassallo u f’parti ma’ proprjeta’ ta’ Salvu Zammit huwa ta’ erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tas-16 ta’ Dicembru 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2000 Mario Galea Testaferrata u Nicholas Jensen f’ismu proprju u f’isem ohtu l-imsiefra Irene Bache jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ disa mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm920,000).

Illi b’ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2000 Agnese Gera de Petri u Helen Miles jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ disa mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm920,000).

Illi b’ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2000 Anna Maria Spiteri Debono f’isimha u bhala prokuratrici ta’ Caren Preziosi tiddikjaraw li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ disa mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm920,000).

Illi b’ittra ufficjali tad-19 ta’ Mejju 2000 Agnese Gera de Petri u Helen Miles jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ disa mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm920,000).

Illi b’ittra ufficjali tat-18 ta’ Mejju 2000 Mignon Marshal tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ disa mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm920,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att

relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)
Semgha l-provi;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Michelangelo Refalo u l-Perit AIC Jos. M Jaccarini, assenjati bhala periti membri fuq dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

L-esponenti bbazaw l-istima segwenti tenut kont il-Proklama tal-President ta' Malta ghall-espropriazzjoni ta' din l-art ghall-skopijiet pubblici li saret fit-03 ta' Settembru, 1982, filwaqt li l-Avviz ghat-Trattazzjoni intbaghat lil-intimati fit-12 ta' April, 2000;

Gie wkoll ikkonstatat  mill-esponenti illi meta nharget il-Proklama tal-President ta' malta, din l-art kienet in parti tikkwalifika bhala art fabbrikabbli u in parti bhala agrikola. Dik fabrikabbli  - skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici, kellha faccata fuq triq esistenti u dan sa fond kif indikat fl-istess Ordinanza u cioe ta' 25 metru 'l gewwa mill-linja tat-triq, filwaqt illi l-kumplament tal-art kienet tikkwalifika bhala art agrikola;

Fl-istima segwenti, l-esponenti kkunsidraw illi l-valur ta' l-art kellu jkun ibbazat fuq il-prezz korrenti fid-data talhrug tal-Avviz ghat-Trattazzjoni mill-intimati u cioe fit-12 ta' April 2000;

Ghaldaqstant l-esponenti jidrilhom li ghall art li giet ikkonsiderata fabrikabbli, ghandhom jistmawha ghas-somma ta' erbgha u sebghin elf lira ta' Malta  u cioe Lm74,000 waqt li ghal dik il-part konsiderata bhala agrikola, l-esponenti attribwew il-valur ta' tnejn u erbghin

elf u seba mija u hamsin lira ta' Malta Lm42,750. [ Euro 172,373.63 u Euro 99,580.71 rispettivament];

Illi ghalhekk l-ammont globi li skond il-membri teknici ghandu jinghata ghall-esproprju ta' din l-art huwa ta' Lm116,750.00 liema ammont fil-valuta maltija llum huwa ekwivalenti ghall Euro 271,954.34 (mitejn wiehed u sebghin elf disa mija erba u hamsin euro u erba u tletin centezmu);

Illi l-intimat ma kienx accetta il-kumpens offert fl-ammont ta' Lm40,000 u kien qed jistenna bhala kumpens s-somma ta' Lm920,000 skond l-istima maghmula mill-perit arkitett tieghu;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , libera tal-bicca art f'Had-Dingli tal-kejl ta' madwar 8,259 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Mario Galea Testaferrata u ohrajn, mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Dr. Carmelo Apap Bologna M.D. u ohrajn u mil-Lbic f'parti ma' proprjeta' ta' Rev. Paul Vassallo u f'parti ma' proprjeta' ta' Salvu Zammit, in parti fabrikabbli u in parti agrikola bil-kumpens ta' Euro 271,954.34 (mitejn wiehed u sebghin elf disa mija erba u hamsin euro u erba u tletin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincent Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-28 ta' Novembru, 2008 fis-3.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jtkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------